8 ta' Marzu, 1957.

Imħallfin:—

Is-S.T.O. Sir L.A. Camilleri, Kt., LL.D., President;
Onor. Dr. A.J. Montanaro Gauci, C.B.E., K.M., LL.D.;
Onor. Dr. W. Harding, K.M., B.Litt., LL.D.

Vincent Mifsud *versus* George Bartolo

**Lottu Publiku — Danni — Negliġenza Kontributorja — Art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili — Art. 10 u 12 tar-Regolamenti tal-Lottu Publiku tal-1948**

*Skond ir-Regolamenti tal-Lottu Publiku, il-ġugatur għandu jiżgura ruħu illi n-numri li jilgħab u d-data tal-estrazzjoni jkunu mniżżlin sewwa tant fuq il-"counterfoil" kemm fuq il-biljett, u illi jkunu miġjuba xbiha bil-"carbon" fuq il-paġna mtennija, u jkollu l-jedd li jirrofta biljett li jkun fih tibdil u tiswijiet fid-data tal-estrazzjoni jew fin-numri milgħuba. Għaldaqstant, jekk il-ġugatur isofri dannu billi jonqos jagħmel din il-verifika, konsistenti dan id-dannu filli n-numri minnu milgħuba jiġu estratti u huwa ma jkunx jista' jikkonsegwixxi l-premju għax in-numri milgħuba ma jkunux jikkorrispondu man-numri fil-matriċi, huwa jkun ikkontribwixxa għal dan id-dannu minnu soffert.*

*Mill-banda l-oħra, ir-riċevitur tal-lottu jonqos mid-dmirijiet tiegħu meta huwa jagħti lill-ġugatur biljett b'numri li ma jaqblux ma' dawk tal-matriċi relattiva; u dan l-obligu tiegħu jissussisti fiħ anki kieku ma kienx espressament kontemplat ukoll mir-Regolamenti tal-Lottu. Għaldaqstant, ir-riċevitur hu fil-ħtija huwa wkoll, li minnha mhux eżentat bin-negliġenza tal-ġugatur; u allura huwa wkoll ikkontribwixxa għad-dannu.*

*F'dawn il-kontinġenzi, hemm lok għar-ripartizzjoni tad-dannu bejn il-ġugatur u r-riċevitur tal-Lottu fil-proporzjon li tiġi determinata mill-Qorti.*

Il-Qorti;

Rat l-att taċ-ċitazzjoni quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, li bih l-attur, premessi d-dikjarazzjonijiet u mogħtija l-provvedimenti neċessarji, billi l-attur akkwista minn għand il-konvenut riċevitur tal-Lottu mil-Lotto Office numru 22, Old Bakery Street, Valletta, biljett tal-Lottu numru 04/DD. 10975, ta' ambo ta' 2s. għall-estrazzjoni tas-16 ta' Ottubru 1954, bil-ġugata 47—57 (dok. A), liema numri ġew estratti fl-istess estrazzjoni; u billi l-imsemmija numri li jidhru fuq l-imsemmi biljett, għal negliġenza, imperizja u/jew nuqqas ta' osservanza tar-Regolamenti tal-Lottu, ma jikkorrispondux man-numri reġistrati mill-konvenut, jew eventwalment mid-dipendenti tiegħu, fuq il-matriċi tal-biljettarju; u għalhekk, minħabba l-aġir illegali tal-konvenut, l-attur sofra danni finanzjarji konsistenti fl-impossibbiltà illi jinkassa l-premju relattiv; u billi jista' jkun li skond ir-Regolamenti tal-Lottu teknikament l-attur seta' kkontribwixxa għall-kawża tad-danni minnu sofferti, u għalhekk, jekk jiġi hekk ritenut, huwa neċessarju f'din l-ipotesi illi għad-diskrezzjoni tal-Qorti jiġi deċiż f'liema proporzjon saret din il-kontribuzzjoni għad-dannu minnu soffert da parti ta' l-attur; talab illi (1) jiġi dikjarat jekk l-attur ikkontribwixxiex jew le skond ir-Regolamenti tal-Lottu għall-kawża tad-dannu lilu kaġunat mill-konvenut, u f'każ affermattiv jiġi dikjarat f'liema proporzjon saret din il-kontribuzzjoni; (2) eventwalment jiġi likwidat id-dannu soffert mill-attur bi ħtija, negliġenza, imperizja, u/jew nuqqas tar-Regolamenti

tal-Lottu, billi kkonsenja lill-konvenut biljett tal-Lottu nru. 04/DD. 10975, ta' ambo ta' 2s. għall-estrazzjoni tas-16 ta' Ottubru 1954, bil-ħugata 47—57 (dok. A), liema numri ġew estratti u ma jikkorrispondux għan-numri reġistrati mill-konvenut, jew mid-dipendenti tiegħu, fuq il-matriċi korrispondenti. Bl-ispejjeż, inklużi dawk ta' l-ittra uffiċjali tal-5 ta' Novembru 1954;

*Omissis;*

Rat is-sentenza mogħtija minn dik il-Qorti fit-3 ta' Novembru 1956, li biha ġiet respinta t-talba ta' l-attur, bl-ispejjeż; wara li kkunsidrat;

Illi fis-16 ta' Ottubru 1954 l-attur xtara minn għand il-konvenut, bħala riċevitur fil-Banka tal-Lottu nru. 22, biljett ta' 2s. għall-estrazzjoni tal-lottu publiku li kellha ssir dak inhar stess. L-attur indika n-numri 45 u 57, u l-konvenut, fuq il-matriċi, kiteb dawn in-numri li talab l-attur, iżda fuq il-bolletta li kkonsenja lill-attur kiteb in-numru 57 u, bi żball, in-numru 47 flok in-numru 45. Meta ħa l-biljett l-attur ittenda bl-iżball; imma billi kien hemm ħafna nies fil-banka, żamm il-biljett u ma marx jivverifika jekk in-numri miktuba fuqu kienux jikkorrispondu ma' dawk tal-matriċi;

Illi fl-estrazzjoni relattiva telgħu n-numri 57 u 47, ċjoè dawk miktuba mill-konvenut fuq il-biljett ta' l-attur; però dan ma kienx intitolat għall-premju governattiv, peress li n-numri tal-biljett ma kienux jikkorrispondu ma' dawk tal-matriċi;

Illi l-attur jibbaża l-azzjoni tiegħu billi jallega li n-numri li jidhru fuq l-imsemmi biljett ma jikkorrispondux ma' dawk tal-matriċi minħabba fin-negliġenza, imperizja, u/jew nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti da parti tal-konvenut, u pprospetta l-possibbiltà li hu stess seta' kkontribwixxa għad-dannu li sofra;

Illi, biex il-konvenut ikun responsabbli għad-danni versu l-attur, hemm bżonn li jkun adopera kondotta kolpuża taħt il-forma ta' imprudenza, negliġenza, diżattenzjo-

ni, jew inosservanza ta' regolamenti, u li din il-kondotta tkun kawża, almenu in parti, ta' l-event dannuż;

Illi l-iżball tal-konvenut kien dovut għan-nuqqas ta' attenzjoni, u jikkostitwixxi wkoll ksur tar-regolamenti, billi l-liġi li tirregola l-Lottu Publiku teżiġi li l-kitba tan-numri fuq il-bolletta ta' biljett tal-lottu tkun tikkorrispondi mal-kitba tan-numri fuq il-matriċi. Il-kondotta tal-konvenut, però, kienet korretta għar-rigward tal-matriċi, għax hu kiteb fuqha n-numri li ndikalu l-attur;

*Illi, b'dana kollu, in-nuqqas* tal-attur milli jirbaħ hu dovut għan-negliġenza tiegħu stess, u mhux għal dik tal-konvenut. Kieku l-konvenut ma ħax dak l-iżball, ukoll l-attur ma kienx jirbaħ; għax in-numru 45, li hu lagħab, ma telgħax; u meta hu ttenda bl-iżball, u għażel li jaċċetta l-biljett, kien imissu jaċċerta ruħu li n-numri fuq il-matriċi relattiva kienu jikkorrispondu; u aktar kien imissu għamel hekk f'dik l-okkażjoni, jiġifieri ġurnata tas-Sibt, għall-ħabta ta' nofsinhar, meta l-banka tal-konvenut kienet kollha nies biex jiktbu l-biljetti, u kien faċli għall-konvenut li jieħu żball, kif fil-fatt ħa. Dan in-nuqqas ta' verifika mill-attur kien jikkostitwixxi kawża li ssopravveniet għall-kondotta tal-konvenut, li kienet weħedha suffiċjenti biex tipproduċi l-event dannuż, kif fil-fatt għamlet;

Illi għalhekk ma hemmx rapport ta' kawżalità bejn il-kondotta tal-konvenut u d-danni li sofra l-attur, li ġew kawżati minnu stess; u hekk il-konvenut ma għandu bl-ebda mod jirrispondi għalihom. Is-sentenza "Canta vs. Buhagiar", mogħtija minn din il-Qorti fis-16 ta' Jannar 1929, ċitata mill-attur, ma tapplikax għall-każ, għax hemmhekk il-fatt kien għal kollox differenti minn dan;

Rat in-nota ta' l-appell ta' l-attur, u rat il-petizzjoni tiegħu, fejn talab li s-sentenza fuq imsemmija tiġi revokata, billi jiġi deċiż għat-tenur tad-domandi kontenuti fl-att taċ-ċitazzjoni; bl-ispejjeż taż-żewġ istanzi kontra l-konvenut;

*Omissis;*

Ikkunsidrat;

Illi, fost numri oħra, fl-estrazzjoni tal-Lottu Publiku tas-16 ta' Ottubru 1954, telgħu n-numri 47 u 57. Dak inhar filgħodu l-appellant kien mar fil-Banka tal-Lottu ġestita mill-konvenut, u talbu ambu ta' 2s. bin-numri 45 u 57; iżda l-konvenut, bi żball, taħ biljett bin-numri 47 u 57. L-appellant ittenda b'dak l-iżball, imma ma għamel ebda reklam, u żamm il-biljett, għaliex ġie x'jgħidlu li aħjar iżommu, billi forsi jitla'. Effettivament, fl-imsemmija estrazzjoni telgħu n-numri ndikati f'dak il-biljett; iżda meta l-appellant mar biex isarrfu, sab li ma kienx jista' jissarraf, għaliex dawk in-numri ma kienux jikkorrispondu ma' dawk tal-matriċi, fejn il-konvenut kien irreġistra u kiteb in-numri mitlubin mill-appellant, jiġifieri n-numri 45 u 57. Minħabba f'hekk saret din il-kawża, billi l-appellant jippretendi li bil-fatt tal-konvenut, li kiteb fuq il-matriċi numri differenti minn dawk li kiteb fuq il-biljett, huwa ġie sofra ħsara, peress li ma setgħax jikkonsegwixxi u tilef il-premju ta' £25 li kien jiġi lilu mħallas kieku ż-żewġ numri tal-biljett kienu jikkorrispondu ma' dawk tal-matriċi relattiva;

Ikkunsidrat;

Illi, skond ir-regolament nru. 12 tar-Regolamenti tal-Lottu (1948), il-ġugatur għandu jiżgura ruħu illi n-numri li jilgħab u d-data ta' l-estrazzjoni jkunu mniżżlin sewwa, sew fuq il-"counterfoil" kemm fuq il-biljett, u illi jkunu miġjubin xbiha bil-"carbon" fuq il-paġna mtennija. Huwa jkollu l-jedd li jirrofta biljetti li jkunu fihom tibdil u tiswijiet fid-data ta' l-estrazzjoni jew fin-numri milgħubin (fol. 44);

L-appellant jammetti li huwa ma għamelx dak li skond l-imsemmi regolament huwa kien tenut li jagħmel, jiġifieri li jivverifika li n-numri fuq il-biljett lilu mogħti kienu jikkorrispondu ma' dawk imniżżlin fil-"counterfoil", u jammetti wkoll li minħabba dak l-aġir tiegħu huwa kkontribwixxa għall-ħsara li huwa sofra, u għalhekk għandu jbati kwota proporzjonali minnha. Iżda huwa jsostni li l-konvenut appellat mhux eżenti mir-responsabbiltà ta' dik il-ħsara, u għalhekk id-danni li jirriżultaw għandhom jiġu

ripartiti bejn il-kontendenti skond il-kontribuzzjoni rispettiva ta' kull wieħed minnhom, a tenur tad-disposizzjoni ta' l-art. 1094 tal-Kodiċi Ċivili;

Ikkunsidrat;

Illi l-konvenut naqas mid-dmir tiegħu meta ta lill-appellant biljett tal-lottu b'numri li ma kienux jaqblu ma' dawk tal-matriċi relattiva. Mal-konsenja tal-biljett, u mal-ħlas tal-ġugata fl-istess biljett indikata, tnissel l-obligu li jirreġistra eżattament fuq il-matriċi n-numri li kienu jidhru fuq il-biljett; ladarba ma għamelx hekk, huwa kien fi ħtija, u għalhekk tirrikorri l-applikazzjoni tad-dispożizzjoni ta' l-art. 1074 tal-Kodiċi ċitat, fejn jinsab stabbilit li kulħadd għandu jirrispondi għall-ħsara li tiġri bi ħtija tiegħu. L-imsemmi obligu tal-konvenut, bħala riċevitur tal-lottu, huwa evidenti, u kien jissussisti ugwalment anki kieku ma jirriżultax espressament kontemplat fir-regolament numru 10 tar-Regolamenti tal-Lottu fuq imsemmija;

Ikkunsidrat;

Illi, għalhekk, il-fatt li l-ġugatur ma żgurax ruħu, kif kien dmir tiegħu, li n-numri ta' fuq il-biljett kienu jikkorrispondu ma' dawk imniżżlin fuq il-matriċi, ma jirrendix eżenti lir-riċevitur mir-responsabbiltà tiegħu, minħabba negliġenza, versu l-istess ġugatur. Is-sottomissjoni tal-konvenut, li l-appellant ma jistax jilmenta li sofra ebda ħsara billi l-biljett ma kienx fih in-numri li l-istess appellant kien talab, ma tidherx aċċettabbli; għaliex, kif ġa ngħad fuq, l-appellant xjentement irċieva l-biljett b'numri differenti minn dawk minnu mitluba. Fuq dan il-pont għandu jingħad li d-depożizzjoni tax-xhud Bondin quddiem din il-Qorti mhix konvinċenti, għaliex kontraddetta minn dik ta' l-appellant u mhix sostnuta minn dik tal-konvenut;

Ikkunsidrat;

Illi, billi fil-każ in eżami d-danni riżultati huma dovuti għal kważi-delitt, u billi l-appellant, kif huwa stess jammetti, bin-negliġenza tiegħu kkontribwixxa għall-ħsara minnu sofferta, hemm lok għall-applikazzjoni ta' l-art. 1094

fuq imsemmi; u din il-Qorti, fid-diskrezzjoni tagħha, jidhrilha li l-konvenut għandu jħallas lill-attur somma korrispondenti għal nofs il-ħsara minnu sofferta, jiġifieri s-somma ta' £12.10.0;

Ikkunsidrat;

Illi ċ-ċirkustanzi tal-każ jissuġġerixxu moderazzjoni tal-kap ta' l-ispejjeż fis-sens infraskritt;

Għar-raġunijiet fuq miġjuba;

Tilqa' l-appell billi tirrevoka fil-meritu s-sentenza mogħtija *mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili tal-Maestà Tagħha* r-Reġina fit-3 ta' Novembru 1956, u tilqa' t-talbiet dedotti fl-att taċ-ċitazzjoni fis-sens li tiddikjara li l-attur appellant ikkontribwixxa, bin-negligenza tiegħu għall-ħsara minnu lamentata fl-att taċ-ċitazzjoni, u li għandu jissaporti nofs dik il-ħsara, jiġifieri £12.10.0, u l-konvenut in-nofs l-ieħor;

U tordna li l-ispejjeż taż-żewġ istanzi jibqgħu mingħajr taxxa, bid-dritt tar-Reġistru bin-nofs bejn il-kontendenti. *U f'dan is-sens irriformat is-sentenza appellata fil-kap ta' l-ispejjeż.*